**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-Tnejn 30 ta' Novembru 2020**

**Rik. Gur. Nru.: 319/2018 JPG**

**Kawza Nru.: 20**

**JB u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2018 giet nominata l-istess JB bhala raprezentanta tal-interessi tal-minuri SB**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**SZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' JB datat 6 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija kellha relazzjoni ma' SZ, minn liema relazzjoni twieled tifel bl-isem ta' SB nhar X (certifikat ta' twelid hawn anness u immarkat bhala DOK A)*

2. *Illi l-esponenti nhar it-22 ta' Ottubru, 2013 fethet kawza kontra l-intimat fl-ismijiet, 'JB noe vs SZ et' (nru:Y) sabiex huwa jaghraf lill-minuri SB fuq ic-certifikat tat-twelid hawn fuq imsemmi bin-numru X.*

3. *Illi minkejja li saru t-testijiet xjentifici fil-kawza supraindikata, minn liema irrizulta b'mod car u b'mod inkonfuttabli li SZ huwa l-missier naturali u*

*bijologiku tal-minuri (dokument anness u mmarkat bhala DOK 'B"), l-intimat xorta wahda ma gharrafx lill-minuri b'mod ufficjali;*

4. *Illi l-kawza suesposta giet differita sine die u sussegwentament giet abbandunata u dan ghar-ragunijiet u cirkostanzi lill hinn mill-esponenti stante li kienet ghaddejja minn turbulanza f'hajjitha.*

5. *Illi l-esponenti tixtieq li l-imsemmi SZ jaghraf lill-ibnu fuq l-att ta' twelid relattiv ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 86A tal-Kodici Civili.*

6. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobbha:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat SZ bhala missier naturali u bijologiku tal-minuri SB li twieled f'X;*

2. *Tordna li l-minuri SB jibqa' maghruf b'kunjom ommu u cioe 'ZB';*

3. *Tordna illi l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fua l-Att tat-Twelid tal-minuri SB (liema Att g]andu numru X  rispettivament), il-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzel isem l-intimat, SZ bhala l-missier tal-minuri u kif ukoll jigi mizjud kull fejn jehtieg referenza ghall-intimat senjament izda mhux biss, ismu kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier tal-intimat huwiex haj jew mejjet, l-eta' tal-intimat u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-intimat u li jidhru mal-Att tal-Twelid citat;*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 14 ta' Jannar 2019, a fol 24

et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi mar-rikors guramentat hemm nieqes l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jigu appuntati il-kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri;*

2. *Illi bla hsara ghas-suespost u preliminiarjament ukoll, l-esponent jecepixxi illi f'gieh il-korrettezza legali tajjeb li jigi ccarat illi minkejja li kienu nbdew proceduri ta' paternita'fis-sena 2013 u dan permezz tal-azzjoni bin-numru 221/2013 RGM, din l-azzjoni kienet giet dezerta stante li l-attrici kienet baqghet ma hallsitx ir-rapport peritali. Ghaldaqstant, il-minuri ma setghax jigi legalment rikonoxxut mill-missier naturali tramite l-istess azzjoni;*

3. *Illi bla hsara ghal premess u fil-meritu, l-esponent jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji. Fil-fatt ghal tali fini, l-attrici annettiet mar-rikors promotur kopja tar-Rapport tat-Test Genetiku, liema rapport jonqos jigi mahluf mit-tekniku Dr Marisa Cassar;*

4. *Illi bla hsara ghas-suespost, f'kas li jintlaqaw it-talbiet attrici, l-esponent jistieden lil konvenut SZ sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita tieghu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta' tieghu meta twieled SB, (4) Il-post tat-twelid tieghu, (5) Il-post ta' residenza tieghu meta twieled SB, (6) Isem u kunjom ta' missieru, u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled SB. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri SB;*

5. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi SB u dan a tenur tal-Artikolu 92(5) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qieghdin jigu ingunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' SZ, datata 28 ta' Jannar 2019, a fol 28, li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament din l-azzjoni hekk imressqa mill-attrici hi ntempestiva in kwantu ma kienitx preceduta minn ittra ufficjali sabiex tinterpella lill-esponenti biex ikun jista' jaghraf lil ibnu u dan skont kif inhu rikjest mill-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost u fil-mertu, l-esponenti mhux jikkontesta l-fatt li l-minuri SB huwa ibnu u ghalhekk ma hemmx oggezzjoni fir-rigward tat-talbiet attrici;*

3. *Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attrici m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda minn issa tigi ingunta in subizzjoni.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat ic-certifikat tat-twelid aggornat tal-minuri (vide fol 54);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza esklussivament dwar il-kap tal-ispejjez, wara illi l-partijiet l-iben minuri tal-partijiet gie ufficjalment rikonoxxut mill-intimat SZ fl-24 ta' April 2019, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid a fol. 54 tal-atti. In vista ta' dan ir-rikonoxximent ir-rikorrenti cediet it-talbiet taghha izda zammet ferm it-talba sabiex l-ispejjez jigu mhallsa mill-intimat.

Il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti taghraf illi mill-provi ma jirrizultax jekk l-intimat Z kienx gie nfurmat mir-rikorrenti dwar it-twelid tal-minuri u dwar il-fatt li huwa l-missier meta l-minuri twieled, u ghalhekk il-Qorti ma

tistax tikkonkludi illi l-intimat naqas, minghajr raguni valida, illi jirrikonoxxi l-minuri mat-twelid tieghu sabiex tigi evitata l-htiega li jigu intavolati proceduri gudizzjarji ghal dan l-iskop. Pero jirrizulta illi r-rikorrenti kienet diga fethet proceduri kontra l-intimat sabiex jirrikonoxxi lil minuri, waqt liema proceduri kienu saru t-testijiet xjentifici necessarji u fl-2014 kien irrizulta indiskuttibilment minn dawn it-testijiet illi l-intimata SZ huwa l-missier bijologiku tal-minuri. Dawn il-proceduri kienu marru dezerti, u jirrizulta illi fiz-zmien li ddekkorra minn dakinhar, l-intimat Z ma rikonoxxix lil ibnu minn jeddu qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri. In vista ta' dan kollu, l-Qorti tqis illi l-partijiet B u Z ghandhom ibghatu l-ispejjez taghhom, filwaqt illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali mill-istess B u Z.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti in vista tan-nota ta' cessjoni taghha tat-2 ta' Ottubru 2019, tordna illi r-rikorrenti u l-intimat SZ ghandhom ibghatu l-ispejjez taghhom, filwaqt illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jithallsu fi kwoti ugwali minn JB u SZ.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**